# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru, 2016**

**Talba Nru: 916/2015/VG**

**EMD Advisory Services**

**Vs**

**Maurice O'DONOGHU u b'digriet datat 31 ta' Ottubru, 2016 l-kunjom O'DONOGHU gie jaqra O'DONOGHUE**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mir-rikorrenti fl-4 ta' Dicembru, 2015** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elfejn tlett mija tmienja u sebghin euro u disgha u hamsin centezmi ta' euro [€2378.59c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"1. Illi f'Jannar tas-sena 2015 l-intimat talab servizzi ta' natura professjonali lis-socjeta attrici, liema socjeta tat l-istess pariri kif mitluba.

2. Illi dawn is-servizzi inkludew laqghat, conference calls u korrispondenza varja, li b'kollox ammontaw ghal madwar hamsa u ghoxrin (25) siegha xoghol.

3. Illi wara li l-intimat ha l-pariri mehtiega minn ghand is-socjeta attrici huwa qabbad lil terzi sabiex jifforma l-kumpanija li kien qed jinghata pariri dwarha u dan minghajr ma informa lis-socjeta attrici.

4. Illi s-socjeta attrici harget kont ghas-servizzi rezi fuq talba u inkarigu tal-intimat izda dan irrifjuta li jhallas.

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant is-socjeta attrici titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn tlett mija tmienja u sebghin Ewro u disa u hamsin centezmu (€2378.59) bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fil-5 ta' Mejju, 2016 u li permezz taghha gie eccepiet hekk:

"Illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:

1) L-intimat ma kellu l-ebda obbligu lejn is-socjeta rikorrenti galadarba huwa qatt ma inghata engagement letter sabiex jiffirmaha u b'hekk formalment jingagga lis-socjeta rikorrenti sabiex tigi ffurmata s-socjeta tieghu.

2) Illi galadarba ma kien hemm l-ebda ftehim formali bejn il-partijiet, l-intimat ma kellu l-ebda obbligu sabiex jinforma lis-socjeta rikorrenti li kien se jingagga terza persuna ghas-servizzi in kwistjoni.

3) Illi inoltre huwa qatt ma gie nfurmat illi kien hemm xi hlas li kellu jsir ghal laqghat, telefonati u korrispondenza preliminari li kienu saru bejn il-partijiet.

4) Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ir-request for payment illi giet provduta lill-intimat ma taghtix rendikont dettaljat ta' kif is-socjeta rikorrenti waslet ghal dan l-ammont bhala s-somma li hija allegatament dovuta mill-intimat. Ma turix lanqas kemm-il siegha xoghol kienu allegatament involuti.

5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez".

Ra illi fl-okkju tat-Talba hemm zball u dan fis-sens li l-kunjom O'Donoghu kellu jigi jaqra O'Donoghue u ghalhekk it-Tribunal jordna l-korrezzjoni mehtiega, a tenur tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kull fejn din tirrikorri.

Ra l-ahhar verbal fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra;

1. Is-socjeta rikorrenti permezz tat-talba odjerna qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' elfejn tlett mija tmienja u sebghin euro u disgha u hamsin centezmi ta' euro [€2378.59c] rapprezentanti servizzi ta' natura professjonali li hija pprovdiet lill-intimat fuq talba tieghu.

2. L-intimat laqa' ghal din it-talba billi qal li huwa ma kellu l-ebda obbligu lejn ir-rikorrenti galadarba huwa qatt ma inghata *engagement letter* sabiex jiffirmaha u b'hekk formalment jingaggaha sabiex tifformalu s-socjeta tieghu. Illi ghalhekk, kompla jghid l-intimat, galadarba ma kien hemm l-ebda ftehim formali bejn il-partijiet, huwa ma kellu l-ebda obbligu sabiex jinforma lir-rikorrenti li kien se jingagga terza persuna ghas-servizzi in kwistjoni. Oltre dan, huwa qal li r-rikorrenti qatt ma nfurmatu li kien hemm xi hlas li kellu jsir ghal laqghat, telefonati u korrispondenza preliminari li kienu saru bejn il-partijiet. Finalment huwa qal li r-*request for payment* li nghata mir-rikorrenti ma taghtix rendikont dettaljat ta' kif l-istess rikorrenti waslet ghal dan l-ammont bhala s-somma li hija allegatament dovuta minnu. Qal li dan id-dokument lanqas ma juri kemm-il siegha xoghol kienu allegatament involuti.

   Ikkunsidra ulterjorment;

3. L-intimat qal li huwa kien ikkomunika mas-socjeta rikorrenti fil-bidu tas-sena 2015 u l-ahhar kuntatt kien sar fl-1 ta' April, 2015. Huwa talabha informazzjoni dwar kif seta jwaqqaf kumpanija u l-ispejjez relatati ma l-istess. Qal li huwa ma intabghat l-ebda *engagement letter* mis-socjeta rikorrenti u lanqas ma intalab jiffirma xi dokument. Qal li huwa kien qieghed jistaqsihom mistoqsijiet in konnessjoni mat-talba tieghu u anke huma kienu qeghdin jistaqsuh mistoqsijiet. Zied ighid li fl-istess waqt huwa kien qieghed jikkomunika ma zewg *service providers* ohra. Fl-ahhar huwa spicca ghazel *service provider* iehor u ma hasx il-htiega li jinforma lis-socjeta rikorrenti b'dan il-fatt. Qal ukoll li l-istruttura li huwa spicca uza ghall-kumpanija tieghu kienet differenti minn dik li kienet giet proposta mis-socjeta rikorrenti. Qal li xhur wara li kien qata l-kuntatt minn mas-soscjeta rikorrenti huwa kien ircieva fattura minghandha bl-ammont reklamat f'dawn il-proceduri u huwa kien baghtilhom *email* fejn infurmaha li dan ma kienx il-ftehim ta' bejniethom u li ma kienx ser ihallas l-ammont mitlub peress li ma kienx uza s-servizzi taghha. In kontro-ezami huwa sahaq li ma kienx qed

jistenna lis-socjeta rikorrenti tibda tahdem fuq il-proposta minghajr ma tinfurmah u dan minkejja d-dokumentazzjoni u informazzjoni li kienet qeghda titolbu. Huwa qal li kien ikkomunika ma' kumpanija kompetitrici tas-socjeta rikorrenti u minkejja li huwa kien skambja numru ta' emails simili ghal dawk li kien skambja mas-socjeta rikorrenti, din il-kumpanija kompetitrici qatt ma zammet xi flejjes u dan kuntrarjament ghal dak li qeghda tippretendi s-socjeta rikorrenti.

4. L-Avukat Tonio Ellul qal li huwa direttur tas-socjeta rikorrenti u kkonferma li l-intimat kien avvicina lill-istess socjeta rikorrenti u sussegwentement kien inkarigaha sabiex tipprovdilu servizzi relatati mat-twaqqif ta' kumpanija f'Malta bl-isem ta' BD Electronics Ltd. Qal li s-socjeta rikorrenti, tramite l-addetti taghha ipprovdiet tletin siegha xoghol minn tlett professjonisti fi tlett dipartiment differenti tas-socjeta rikorrenti. Ghalhekk l-intimat kien dovut ihallas l-ammont ta' €2,378.59c ghal dawn is-servizzi li gew provduti lilu. L-intimat kien ittermina kull komunikazzjoni mas-socjeta rikorrenti wara li kien gie nfurmat li huwa kellu jhallas l-ispejjez kollha indikati qabel ma tittwaqqaf il-kumpanija. Sussegwentement, kompla qal ix-xhud, huwa skopra li l-intimat kien waqqaf l-istess kumpanija, bl-istess struttura u isem, billi uza s-servizzi ta' terzi. Mistoqsi mit-Tribunal x'inhi l-procedura taghna f'kaz li klijent jitlob lis-socjeta rikorrenti informazzjoni dwar per ezempju biex tkun tista titwaqqaf kumpanija u jekk hi zzommx talli tkun pprovdietlu dik l-informazzjoni, l-Avukat Ellul wiegeb fin-negattiv u qal li "*jekk huwa ghal initial meeting nghidulu l-informazzjoni kollha li hemm bzonn pero jekk imbaghad il-klijent jibda jistaqsi hafna iktar domandi specifici u jaghti ndikazzjoni illi bi hsiebu jaccetta l-parir taghna u bi hsiebu jmexxi allura f'dak il-kas is-servizz inkunu bdejna naghtuh*" (fol. 92). Qal li l-intimat ma baqax klijent prospettiv izda sar klijent. Dan wasal ghaliha mill-informazzjoni li kienet qeghda tintalab minnu. Huwa qabel li ma kienet giet iffirmata l-ebda *engagement letter* da parti ta' l-intimat ghar-rigward tax-xoghol li s-socjeta rikorrenti qeghda tippretendi l-hlas permezz ta' dawn il-proceduri.

5. Dione Borg, awditur qal li l-intimat kien ikkomunika mieghu fl-1 ta' Jannar, 2015 u dan sabiex jaghmillu struttura internazzjonali. Wara li baghat dak li kien qieghed jipproponi hu lill-intimat, huma ltaqghu flimkien ghal habta ta' April, 2015 fejn iddiskutew din il-kwistjoni f'aktar dettal. Huwa qal ukoll li huwa ma jzommx ghal laqghat inizjali u proposti li kien jaghmel lill-klijenti prospettivi. Stqarr li "*jekk il-klijent ma jaghmilx il-kumpanija allura jiena ma niccargjax ta' dak il-hin li nkun ghamilt preliminari*" (fol. 87). Fil-proposta li jkun ghamel, ikun hemm il-*fixed fee* ta' kemm ser tigi tiswa l-bicca tax-xoghol u li din il-*fixed fee* isimha maghha u cioe ma ticcaqlaqx.

6. It-Tribunal ezamina u qara l-korrispondenza kollha skambjata bejn il-partijiet inkluz l-*emails* esebiti. Jidher li l-intimat qieghed jippretendi li la hu ma iffirma l-ebda dokument mas-socjeta rikorrenti allura huwa ma kellhu jhallas xejn. Qal ukoll li kieku kien jaf li ried ihallas ghas-servizzi pprovduti mis-socjeta rikorrenti huwa ma kienx jikkonsulta maghha.

   Ikkunsidra ulterjorment;

7. L-intimat esebixxa nota fis-6 ta' Lulju, 2016 li maghha kien hemm skambju ta' emails bejn Dione Borg u hu. Pero, jekk wiehed anke semplicement jara l-volum ta' emails skambjati bejn l-intimat u s-socjeta rikorrenti u l-intimat u Dione Borg, wiehed jasal ghal konkluzzjoni li ma hemmx paragun bejn it-tnejn. Dan fis-sens li l-ammont ta' hin involut u l-informazzjoni mitluba minghand is-socjeta rikorrenti kienet bil-bosta hafna aktar min dik mitluba minghand il-persuna li eventwalment spicca waqqaf il-kumpanija li ried iwaqqaf l-intimat. Jirrizulta ukoll li l-istadju inizjali tar-relazzjoni bejn l-intimat u s-socjeta rikorrenti kien ilu li ghadda meta dan kien qieghed jitlob aktar informazzjoni aktar ma beda jghaddi z-zmien u allura kienet gustifikata s-socjeta rikorrenti li tahseb li l-intimat kien ingaggaha sabiex taghtih is-servizz rikjest. Il-fatt li ma tigiex iffirmata engagement letter ma tfisser xejn, l-ghaliex l-importanti huwa li l-partijiet jifhmu li dak li qieghed isir, qieghed isir bil-kunsens u l-konsapevolezza taz-zewg partijiet. It-Tribunal, mill-qari tad-dokumentazzjoni esebita huwa tal-fehma li l-partijiet kienu konsapevoli ta' dak li kien qieghed jigri u li l-intimat dahal f'relazzjoni professjonali

mas-socjeta rikorrenti u ghalhekk ghandu jhallas ghas-servizzi provduti. Dan mhux kaz fejn giet ipprovduta informazzjoni ta' darba mis-socjeta rikorrenti, izda huwa kaz proprju fejn l-intimat bil-mistoqsijiet li beda jistaqsi lis-socjeta rikorrenti u bl-informazzjoni li kien qieghed jipprovdi, kien jaf li huwa dahal f'relazzjoni mas-socjeta rikorrenti, lil hinn mill-*initial meeting* jew *initial request for information*, u li ghalhekk huwa kien dovut li jhallas ghal din l-informazzjoni li kien qieghed jitlob u li kienet qeghda tinghata lilu.

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa t-Talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' elfejn tlett mija tmienja u sebghin euro u disgha u hamsin centezmi ta' euro [€2378.59c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ghandhom jithallsu fl-intier taghhom mill-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**